MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 116/7

It-Tnejn 28 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

116.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

116.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (115/7 [07/01/19])

116.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

116.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

116.5 Rapporti;

116.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Rapport Amministrattiv 2018
   b. Estimi Finanzjarji 2019
   c. Pjan ta' Ħidma 2019-2021

116.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

116.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**116.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

116.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino informa illi kien jinsab indispost u għalhekk ma setax jattendu għal din il-laqgħa. B'mod unanimu l-Kunsill qabel illi għal kull buon bini tal-proċedura, is-Sur Baldacchino għandu jiġi konsidrat bħala skużat u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**116.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (115/7 [07/01/19])**

116.2.1 Dawn il-minuti 115/7 ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier is-Sur Caruana ssekonda li dawn il-minuti 115/7 (07/01/19) jiġu approvati.

Dawn il-minuti ġew approvati.

116.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti

a. Tema 115.5.1 u 115.5.2. Is-Sur Fenech qal li fil-fatt kien hu li semma' l-punti dwar il-problema kbira tal-parkeġġ.

Fuq dan il-punt, is-Sur Caruana stqarr li jilqa' b'sodisfazzjon li s-Sur Fenech ingħaqad kemm miegħu (S. Caruana) kif ukoll mal-Kunsillier is-Sur Sammut sabiex kemm jista' jkun il-Kunsill ikollu aktar djalogu miftuħ għall-ġid tar-residenti speċjalment fejn tidħol l-issue tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja.

b. Tema 115.5.2 Monument tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ċċarat li fil-fatt huwa s-Sur Grazio magħruf bħala Harry Calleja li ssottometta l-abbozz magħżul mill-Kunsill għall-monument tal-Gudja.

**116.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

116.3.1 Xiri ta' welding set. Is-Sindku qal li l-Kunsill ikollu bżonn xogħol ta' brachets tat-tabelli, gatters tal-ħadid u xogħol żgħir ieħor. Il-Kunsill qabel li jinxtara dan il-welding set bl-aċċessorji tiegħu dwar saħħa u sigurtà, u dan għas-somma massima ta' €500.00

116.3.2 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali l-Onor Silvio Parnis dwar il-bye-law u sfidi ta' parkeġġ fil-Gudja. Is-Sindku fakkar li din il-laqgħa sejra ssir il-Ġimgħa 01 ta' Frar 2019 fil-5.30pm fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku stqarr li huwa mixtieq li kulħadd jattendi sabiex flimkien juri dwar il-ħtieġa li tinsab soluzzjoni mmedjata u li tneħħi l-pressjoni fuq il-Kunsill li qed tikkawża li bosta residenti jilmentaw li qed isibu diffikultà dwar parkeġġ f'kull ħin u f'kull jum.

**116.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

116.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**116.5.0 Rapporti**

116.5.1 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Ċentinarju ta' La Stella. Is-Sur Sammut għamel referenza għat-talba tal-President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella s-Sur M. Mifsud. Il-Kunsill qabel li jitlob dati speċifiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti meħtieġa u li din il-laqgħa sseħħ kemm jista' jkun malajr.

F’dan l-istadju s-Sur Caruana qal li huma ż-żewġ baned li qed jiċċelebraw iċ-Ċentinarju tagħhom.

Is-Sur Caruana stqarr li jkun xieraq li l-Kunsill jistieden lid-diriġenti taż-żewġ baned u jiddiskuti aktar dwar dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikseb aktar tagħrif u jinforma lill-Kunsill kif ikun meħtieġ.

116.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Bye-law. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor S. Parnis. Is-Sur Caruana qal li huwa jħoss li l-Kunsill għandu jinsisti mal-Onor. Parnis li l-bye-law għandha tiġi finalizzata b’suċċess għaliex din ġiet approvata mill-Kunsill b’mod unanimu, u li turi dak li għandhom bżonn ir-residenti tal-Gudja.

116.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. First Aid. Is-Sur Fenech qal li hemm l-opportunità li l-ħaddiema jingħataw taħriġ dwar il-first-aid fuq il-post tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li jiġu nnominati żewġ persuni u li l-Kunsill jagħmel il-ħlas meħtieġ sabiex dawn jingħataw it-taħriġ.

b. Monument tal-Gudja. Is-Sur Fenech qal li peress li ħadd ma wieġeb dwar is-sejħa tal-Kunsill dwar abbozz finali, ħlief is-Sur Grazio magħruf bħala Harry Calleja u għalhekk by default huwa s-Sur Harry Calleja li ssottometta l-abbozz magħżul mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma’ dak li qal is-Sur Fenech.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tkompli l-ħidma sabiex jitwettaq dan il-proġett u li jkun f’post madwar il-Gudja sa Jum il-Gudja 2019 wara li l-Kunsill jikseb il-permessi kollha meħtieġa.

c. Għoti ta’ demm fil-Gudja. Is-Sur Fenech stqarr li hija ħaġa ferm importanti li kull min jista’ jagħti d-demm waqt li l-Bank tad-Demm kien il-Gudja nhar il-Ħadd 27 ta’ Jannar 2019 fi Triq San Mark, il-Gudja. Is-Sur Fenech stqarr li jinsab sodisfatt bil-koperazzjoni li sab u sabiex din l-okkażjoni setgħet tkun suċċess.

**116.6.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

116.6.1 Rapport Amministrattiv għas-sena 2018. Dan ir-rapport ġie ppreżentat u approvat mill-Kunsill nem con. Il-Kunsill qabel li għal-laqgħa annwali li jmiss tal-lokalità għandu jintbagħat avviż lir-residenti kollha tal-Gudja.

116.6.2 Estimi Finanzjarji 2019. Saret diskussjoni u sar qbil li dawn huwa estimi u jekk ikun meħtieġ il-Kunsill il-ġdid jista’ jagħmel l-aġġustamenti kif ikun meħtieġ u possibbli.

Il-Kunsill approva dawn l-estimi kif ppreżentati. Dawn l-estimi għandhom ukoll jiġu għall-approvazzjoni tal-pubbliku waqt il-laqgħa tal-lokalità li sejra ssir illum 28 ta' Jannar 2019 fis-7pm.

116.6.3. Pjan ta' Ħidma 2019-2021. Dan il-pjan ġie ppreżentat u approvat mill-Kunsill nem con. Dan il-pjan għandu wkoll jiġi għall-approvazzjoni tal-pubbliku waqt il-laqgħa tal-lokalità li sejra ssir illum 28 ta' Jannar 2019 fis-7pm.

**116.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

116.7.1 Il-lista ta' pagamenti nru 64/7 hekk kif ippreżentata u ppproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €11008.65 ġiet approvata.

**116.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

116.8.1 Miżura 4.3. Il-Kunsill ġie infurmat illi issa li l-WSC aċċettat li tidħol responsabbli għall-ħlas tax-xogħlijiet kif meħtieġa mill-istess WSC, il-Kunsill kien qiegħed jistenna l-ittri ta' ftehim rispettivi sabiex jingħataw lill-kuntrattur RMS Ltd bil-għan li jiġi konkluż il-ftehim u jinbeda x-xogħol meħtieġ.

116.8.2 Tender Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li ma kien hemm ħadd li tefa' t-tender, issa din reġgħet ħarġet bil-ħsieb li jkun hemm offerti dwar ix-xogħol meħtieġ.

116.8.3 Triq Filippu Castagna, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li Infrastructure Malta qed tagħmel xogħol ta' triq u bankina f'din it-triq. Jidher li x-xogħlijiet mixjin b'ritmu sewwa.

116.8.4 Ġbir ta' skart domestiku. Il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntrattur magħżul (Roccu Mifsud) għandu ma bagħatx il-garanzija u jidher li mhux disponibbli.

Il-Kunsill qabel li jitlob il-permess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jingħata permess u jimxi b'servizz ta' emerġenza peress li dan is-servizz ma jistax jieqaf.

Il-Kunsill qabel ukoll li fin-nuqqas li s-Sur Mifsud jibqa' ma jweġibx u jikkonkludi l-ftehim dwar it-tender tiegħu, il-Kunsill jimxi skont il-proċedura stabbilita billi jagħżel it-tieni offerent u jżomm lill-ewwel offerent responsabbli għad-danni li jista' jkun qed isofri l-Kunsill f'dan ir-rigward.

116.8.5 Servizzi bankarji għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi dwar dak li għandu x'jaqsam dwar dan is-servizz, kull fomrola u ċekkijiet għandhom jiġu ffirmati mis-Sur John Mary Calleja (444159M) u s-Sur Joseph M. Formosa (362849M) u li dawn iż-żewġ persuni jkunu flimkien responsabbli sabiex iwieġbu għas-sejħiet tal-banek rispettivi (Bank of Valletta plc u HSBC plc).

116.8.6 Depożitu. Il-Kunsill approva illi kemm is-Sur JM Formosa u Sa. A Azzopardi jistgħu jagħmlu ddepożitar ta’ flus fil-kontijiet bankarji skont il-każ f’isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja.

116.8.7 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.55pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tnejn 18 ta’ Frar 2019 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv